

Brussell, 28 ta' Mejju 2021  
(OR. en)

9092/21

FIN 387  
INST 198  
PE-L 13

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8899/21
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2021 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2021

---

1. Fit-18 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2021, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment ta' ammont ta' EUR 17.29 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u ta' pagament (a/p) mill-Artikolu 30 02 02 (*Approprjazzjonijiet differenzjati*) għall-Artikolu 08 05 01 (*Stabbilment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi*), kif jidher fid-dokument 8899/21.

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jkopri l-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-2021 kif deskritti fil-protokollu li jimplimentaw il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-UE u l-Gvernijiet ta' Greenland u tad-Danimarka (EUR 16.52 miljun), u Cabo Verde, il-Mauritania u s-Seychelles (EUR 0.77 miljun).
3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2021.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
  - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif imniżżel fid-dokument 8899/21, u
  - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.

---

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill  
lil : Il-President tal-Parlament Ewropew  
kopja : Il-President tal-Kummissjoni

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, ninfirmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 11/2021 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2021.

(Formola ta' għeluq).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).